**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 488/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**vs**
**Miloud Elforjani**

**Illum 25 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti;**

Prezentat taħt arrest lill;

**Miloud Elforjani,** ta' 37 sena, iben Get u Fatima nee' Saad, imwieled Libya nhar is-16 ta' Jannar 1982, residenti ġewwa St Joseph Flat 3, Triq il-Mandolin, Qajjenza u detentur tal-karta ta' l-identita 135262A

**Akkużat talli** nhar it-22 ta' Lulju 2019 ġewwa Ħaż-Żabbar;

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' żewġt vetturi għad-dannu ta' Nazzareno Camilleri u Christopher Camilleri, liema ħsara tammonta għal 4,620.49Ewro.

Rat li ċ-ċitazzjoni nqrat u ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni fis-seduta datata fis-7 ta' Awissu 2019 quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 25 ta' Lulju 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u tikkundannah għal erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**